**KUNSILL LOKALI IL-QRENDI**

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 24**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta, 21 ta' April, 2026, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Anthea Sacco – Viċi Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsilier

Marion Parnis – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

| | | |
|---|---|---|
| **24.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġija** |
| 24.01.01 | Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |

**24.02** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru tlieta u għoxrin (23)**

24.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 23, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Karmenu Farrugia, issekondati minn Marion Parnis.

Il-minuti tal-laqgħa 23 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24.03** **Riżoluzzjoni għal Retifika tal-minuta 21.04.05 (laqgħa 21 tal-15 ta' Jannar 2026)**

24.03.01 Ir-riżoluzzjoni għal retifika tal-minuta 21.04.05, li ġiet mibgħuta mal-minuti, ġiet moqrija mis-Segretarju Eżekuttiv.

Minuta 21.04.05 kellha tiġi emendata kif ġej:

'Anthea Sacco semmiet tindif li kien qed isir fil-binja u staqsiet jekk il-kunsill kienx jaf. Is-Sindku qal li dawn kienu tal-'Omajco' u li kienu ser jitħallsu mill-kunsill u wara jitnaqqsu mill-ammont dovut lill-kuntrattur CPI (Central Power Installations Ltd).'

Karmenu Farrugia għamilha ċara li dawn għandhom jitħallsu mill-kuntrattur CPI LTD. billi jitnaqqsu mill-ammont dovut lilu u mhux mill-Primary Health Care.

24.03.02 Ir-retifika ta' minuta 21.04.05 ġiet proposta bħala approvata minn Karmenu Farrugia u ssekondata minn Anthea Sacco u sar qbil unanimu li l-kont imsemmi għandu jittieħed bħala approvat u jiġi mħallas.

**24.04** **Il-Berġa**

24.04.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-11 ta' Mejju ser terġa' titressaq għall-approvazzjoni l-applikazzjoni biex il-Berġa tkun tista' tibda tintuża u tingħata f'idejn il-Primary Health Care.

Is-Sindku qal li diġà hemm draft tal-ftehim li ser isir bejn il-Kunsill u l-Primary Health Care wara li dan ġie verifikat mill-avukat tal-Kunsill. Hu qal ukoll li għad irid isir ftehim tal-ammont tal-kera li ser nitolbu. Hu fakkar li l-Primary Health Care kienu ser iħallsu tal-ispejjeż kollha.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Primary Health Care Eur100 fix-xahar bħala kera, jiġifieri Eur1,200 fis-sena.

24.04.02 Karmenu Farrugia talab biex jiġi spjegat il-ftehim li kien ġie mibgħut mal-minuti u li kien ser isir bejn il-Kunsill u l-Primary Health Care. Il-Kunsill dar dan il-ftehim u wara li ġew iċċarati diversi punti, dan il-ftehim ġie approvat.

24.04.03 Karmenu Farrugia saqsa meta kienet ser tinfetaħ il-Berġa u li kellna norbtuhom b'data qabel ma jiġi ffirmat dan il-ftehim. Is-Sindku qal li huma bħalna kienu qed jistennew l-approvazzjoni mill-MEPA però kien ser jitlobhom biex din tinfetaħ mill-aktar fis.

**24.05 Skema ta' Finanzjament minn Project Green għal Spazzju Miftuħ li jinkludi Cat Café/Dog Park**

24.05.01 Dwar din l-iskema s-Sindku qal li fil-Qrendi ma kellniex żoni ta' 1,500 square meters kif kien qed jiġi mitlub. Hu qal ukoll li fil-laqgħa li kienet saret ġejna nfurmati li dan il-fond seta' jintuża wkoll għal embellishment ta' spazzji eżistenti.

Marion Parnis saqsiet jekk konniex irċivejna risposta mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar dawk iż-żoni pubbliċi li kienu ssemmew. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

Wara li ġie spjegat li għal din l-applikazzjoni kien hemm bżonn konferma li l-art li ser tiġi żvillupata hi tal-Kunsill, Marion Parnis u Karmenu Farrugia proponew li għandna nibgħatulhom biex naraw jekk nistgħux nibbenifikaw għall-embellishment tal-cat café li għandna fi Triq Ġużeppi D'Arena.

**24.06 Skema ta' Finanzjament mir-Reġjun għal-Lokalitajiet Aktar Nodfa**

24.06.01 Is-Sindku semma' l-imejl li konna rċivejna mingħand ir-Reġjun Punent dwar l-iskema ta' finanzjament għal-Lokalitajiet aktar Nodfa u ssuġġerixxa li napplikaw biex isir il-qtugħ ta' ħaxix fosthom fl-inħawi ta' Triq Wied iż-Żurrieq u Ħaġar Qim. Il-Kunsill qabel li għandna nissieħbu mar-Reġjun Punent għall-attivitajiet tal-Clean Up 2026 u napplikaw għal din l-iskema.

**24.07 Festival tal-Patata u 'Bonġu Malta'**

24.07.01 Anthea Sacco qalet li kellha laqgħa mal-organizer li kien ħa ħsieb il-Festival tal-Patata tas-sena l-oħra kif ukoll ma' ta' 'Bonġu Malta'. Karmenu Farrugia qal ukoll li n-nofs ta' nhar ta' filgħodu ser ikun iffukat fuq 'Bonġu Malta' u l-entertainment organizzat mill-kunsill ser jibda wara.

Marion Parnis semmiet it-tberik tal-annimali. Kellu jiġi konfermat lil liema għaqda ser jingħataw id-donazzjonijiet miġbura kif ukoll min kien ser ibierek.

**24.08 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.08.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Qrendi ma kienx ġie magħżul għal 'Minn Pjazza għal Pjazza'.

24.08.02 Is-Sindku semma' applikazzjoni PA02136/26 dwar żvilupp ta' barriera fi Triq tal-Għarix c/w Triq Misraħ is-Sinjura c/w, Triq is-Siġġiewi, Qrendi. Hu qal li hu kien oġġezzjona personalment.

Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu l-oġġezzjoni tagħna bħala kunsill għal fatt li dan kien ser jikkawża ħsara kbira fuq l-ambjent.

24.08.03 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet rigward il-panelli solari li kellhom isiru bejn il-Maqluba u l-Blue Grotto. Hu qal li kien hemm problema fl-arbli li kellhom isiru fi Triq Ħaġar Qim u li għalhekk kien ġie deċiż li dawn isiru kollha bejn il-Maqluba u l-Blue Grotto.

24.08.04 Rigward il-magna tal-BCRS, is-Sindku qal li kellem lid-diriġenti biex jibdew jiġu iktar spiss biex ibattlu l-magna kif ukoll biex inaddfu dik iż-żona. Hu semma wkoll il-ħsieb li titwaħħal CCTV.

24.08.05 Is-Sindku semma l-applikazzjoni tal-ERASMUS dwar żjarat barra minn Malta u oħra f'Malta li kienet ġiet diskussa ftit xhur ilu. Hu qal li wara li din ma kinietx intgħażlet reġgħet ġiet sottomessa għal darboħra.

24.08.06 Is-Sindku qal li kienu kellmuh mid-DLG fuq l-istatwa ta' Ġuże' Cassar u li kienu nfurmawh li kellhom jiġu jiċċekkjaw il-post fejn din kellha ssir.

24.08.07 Is-Sindku semma l-applikazzjoni għall-embellishment ta' Wied iż-Żurrieq inkluż toilets ġodda u fejn hemm tal-balklor. Hu qal li l-proġett kien ġie inawgurat u li x-xogħol kien se jinbeda fix-Xitwa.

Karmenu Farrugia staqsa jekk kinietx inkluża l-latrina ta' fuq li kien intqal li ser taqa'. Is-Sindku wieġeb li din ma kinietx tagħmel parti minn din l-applikazzjoni.

24.08.08 Is-Sindku qal li kien ser jinbeda x-xogħol ta' restawr intensiv fuq il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja. Hu qal li dan ix-xogħol ser idum madwar 6 xhur u li kellna bżonn nagħmlu 2 bolards fit-truf.

24.08.09 Rigward ix-xogħlijiet tal-Madonna tal-Ħniena, s-Sindku qal li x-xogħol kien beda u li kien talab li dan ix-xogħol għandu jkun lest sa Settembru.

24.08.10 Is-Sindku qal li wara li mar jiċċekkja l-ħsarat li qed ikun hemm fil-Ġnien tal-Warda ivverifika li dawn kienu minħabba vandaliżmu. Hu qal li kien staqsa diversi kuntratturi biex jittranġaw dawn il-ħsarat u li l-unika persuna li wieġbet u tat il-kwotazzjoni kien Opal Ltd. L-ispiża biex tiġi rranġata l-art tal-lasktu kienet ser tiġi ta' Eur450 eskluż il-VAT, dik tal-grati Eur180 eskluż il-VAT u tal-Merry-go-Round, Eur1,250 eskluż il-VAT. Minħabba l-urġenza ta' dan ix-xogħol il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni.

Karmenu Farrugia talab li għandna norbtu lill-kuntrattur bi żmien biex dan ix-xogħol jitlesta mill-aktar fis.

Anthea Sacco proponiet li għandhom jitwaħħlu CCTVs għax qed ikun hemm ħafna vandaliżmu.

24.08.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie mwiegħed li ser jinbdew ix-xogħlijiet fl-isqaqien ta' wara Santu Rokku.

24.08.12 Rigward il-Ġnien tal-Kmand is-Sindku qal li kienu qed inaddfu u li l-kontejner kien ser jitneħħa. Hu qal ukoll li konna ser nidħlu fit-2 fażi, dak tar-restawr minn ġewwa, u li konna ġejna mitluba minn Project Green biex inġiebu kwotazzjonijiet għal 6 solar cameras li kienu ser jiġu ssusidjati minnhom.

Is-Sindku semma' wkoll li Project Green ser jissusidjaw l-ispejjeż għall-ftuħ u l-għeluq tal-Ġnien. Il-Kunsill propona dawn il-ħinijiet:

Fis-Sajf: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5pm sat-8pm u s-Sibtijiet u l-Ħdud mid-9am sas-6pm;

Fix-Xitwa: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-2pm sal-5pm u s-Sibtijiet u l-Ħdud mid-9am sal-5pm.

Rigward il-ftehiem, is-Sindku qal li kien għad irid jiġi diskuss flimkien ma' Din l-Art Ħelwa u Project Green.

24.08.13 Is-Sindku semma' li wara talba mir-residenti kien ser jingħata wiċċ tal-konkos mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet fi Sqaq il-Lewż, Sqaq fejn Triq Massabielle u Sqaq il-Ħotba.

Karmenu Farrugia qal li hu ma jaqbilx li f'post urban għandhom isiru bil-konkos u li għandna nipproponu jekk hux possibli li jsir mod ieħor. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatulhom u niċċekkjaw fuq din il-possibilita'.

24.08.14 Is-Sindku qal li l-ktieb 'Tal-Ħniena' li kien ġie sponsorjat mir-Reġjun kien tlesta u li kien ser jibda jiġi printjat. Hu qal li dan kien ser jiġi provdut b'xejn u li kellna norganizzaw attivita' biex jiġi launched.

Karmenu Farrugia propona li dan isir meta titlesta' l-pjazza.

24.08.15 Is-Sindku semma' l-applikazzjoni PA3299/24 ta' Triq Kurat Mizzi, li l-Kunsill kien għamel l-oġġezzjoni tiegħu fuqha, u qal li reġgħu ġew sottomessi pjanijiet ġodda għal din l-applikazzjoni.

**24.09 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

24.09.01 Anthea Sacco fakkret fuq ic-CCTVs li hemm bżonn li jsiru fi Ġnien il-Warda.

24.09.02 Anthea Sacco talbet lill-kunsilliera biex jibgħatu l-artikli għal magazine, mill-aktar fis.

24.09.03 Anthea Sacco sostniet li kull meta jkunu ser jintefqu iktar minn Eur500 għandhom jintalbu mill-inqas 3 kwotazzjonijiet bl-imejl u jintbagħtu l-Kunsill

u jekk ikun hemm min ma jużax imejl, din għandha tintbagħat bil-posta jew by hand fil-Kunsill u tiġi ttimbrata. Kulħadd qabel.

24.09.04 Is-Sindku u Marion Parnis semmew attivita' li kienet ser issir fil-librerija fl-okkażżjoni ta' Jum il-Ktieb, fejn il-Kunsill kien ser jibbenifika minn Eur500. Ġie spjegat li din l-iskema kienet waħda minn diversi fondi u inizjattivi offruti mir-Reġjun Punent.

24.09.05 Marion Parnis talbet biex navżaw l-iskola biex ma jintefiex il-main tad-dawl meta jagħlqu peress li kien hemm okkażżjoni meta ntefa' b'konsegwenza li ma kienx hemm dawl fil-librerija.

24.09.06 Marion Parnis staqsiet rigward is-servizz tal-BCRS offrut lill-anzjani. Is-Sindku wieġeb li dan kien qed jiġi offrut madwar Malta kollha u li wieħed ried jibgħat imejl jew iċempel biex jibbukkja.

24.09.07 Marion Parnis semmiet parti minn Triq it-Tabib Gregorio Mifsud fejn ir-residenti qed jitfaw l-iskart kozz. Hi talbet jekk setax isir xi avviż biex kulħadd iżomm l-iskart tiegħu wara biebu.

Dwar il-ħajt li hemm fl-istess triq, Marion Parnis qalet li l-periklu li kien hemm kien li min joħroġ mill-garaxxijiet ma kienx qed jara min kien ġej. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem ma' Infrastructure Malta.

24.09.08 Marion Parnis staqsiet ir-raġuni għaliex il-bankina fi Triq Gużeppi De Piro wiesgħa ħafna u jekk nistgħux nitolbu li din tittranġa. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

24.09.09 Nina Skye Briffa tat rendikont tal-laqgħat tal-Kunsill tat-Tfal.

24.09.10 Rigward bozza fi Triq Dwardu Borg, Nina Skye Briffa saqsiet jekk kinietx issewwiet. Is-Sindku qal li din saret.

24.09.11 Nina Skye Briffa semmiet dawl mitfi fi Triq il-Panaroma. Is-Sindku qal li dan inxtiegħel wara li irraporta lil MSD u spjega li hemm kien hemm problema li kull meta tagħmel ix-xita kienet qed taqa' s-salva vita.

24.09.12 Karmenu Farrugia staqsa rigward il-laqgħa li konna tlabna lill-Infrastructure Malta. Is-Sindku qal li konna għadna ma rċivejna xejn u li ser nibgħatu tfakkira.

**24.10 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash**

24.10.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 24) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Marzu ġew imressqa għall-approvazzjoni.

24.10.02 Dwar il-kont tal-preżentatur għal Ġieħ il-Qrendi, Anthea Sacco qalet li għalkemm mhux issib oġġezzjoni li dan jitħallas, fi drabi li ġejjien dan is-servizz għandu jiġi nkluż fil-pakkett tas-servizzi li jingħataw mill-każini u mhux isir ħlas apparti.

24.10.03 Anthea Sacco staqsiet dwar il-kont ta' Manuel Magri. Is-Sindku qal li dan kien għal xogħlijiet urġenti ta' manutenzjoni. Anthea Sacco u Karmenu Farrugia qalu li darboħra għandhom jintalbu kwotazzjonijiet qabel ma jiġi mqabbad jagħmel ix-xogħol.

24.10.04 Wara li dawn il-punti ġew iċċarati, l-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 24) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Marzu, ġew approvati u ffirmati minn Anthea Sacco (Proponent), Karmenu Farrugia (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24.11 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

24.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7.50pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju, fil-5.30pm.

David Michael Schembri

Sindku

Rachel Aquilina

Segretarju Eżekuttiv